

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Tal-artijiet Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Germany](#)

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Ġermanja

Ġermanja



Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni ġenerali tar-reġistru tal-artijiet tal-Ġermanja.

X'informazzjoni joffri r-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż?

Ir-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż jipprovdi informazzjoni dwar relazzjonijiet ġuridiċi tal-liġi ċivili li jikkonċernaw il-proprjetà immobbli. Fih tinstab ukoll id-dejta dwar is-sidien u d-drittijiet tal-proprjetà tal-partijiet terzi fir-rigward tal-art. Ir-Reġistru tal-Artijiet jinżamm primarjament fil-format elettroniku.

Dan ir-Reġistru jistgħu jaċċessawh biss persuni li juru raġunijiet ta' interess leġittimu għalfejn iridu jikkonsultawh (eż. b'mod partikolari għal raġunijiet legali jew ekonomiċi). Biex jagħmlu dan, l-ewwel iridu jikkuntattjaw l-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet fid-distrett fejn il-biċċa art tkun tinsab. Dawn il-persuni jistgħu wkoll japplikaw għal kopji stampati mir-Reġistru tal-Artijiet.

Barra minn hekk, grupp ristrett ta' utenti jista' jikkonsulta d-dejta tar-Reġistru tal-Artijiet permezz ta' portal elettroniku tal-Istat Federali partikolari. Dawn l-utenti jinkludu l-grati Ġermaniżi, l-awtoritajiet pubbliċi, in-nutara, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-imprezi ta' distribuzzjoni. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Federali huma responsabbli għar-regolazzjoni ta' dawn it-talbiet ta' aċċess.

L-aċċess għar-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż huwa mingħajr ħlas?

Il-konsultazzjoni tar-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż fl-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet hija mingħajr ħlas. Silta sempliċi mir-reġistru tiswa EUR 10, kopja ċċertifikata tiswa EUR 20. L-aċċess jew il-konsultazzjoni tar-Reġistru tal-Artijiet b'mod elettroniku jsiru wkoll bi ħlas.

Kif wieħed ifittex fir-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż

Fir-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż wieħed jista' jfittex permezz ta' dawn il-kriterji li ġejjin:

- In-numru tal-paġna tar-Reġistru tal-Artijiet
- L-unità kadastrali
- L-indirizz
- Isem il-Propjetarju

L-istorja tar-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż

Bl-għajjn tar-Reġistru tal-Artijiet, wieħed normalment jista' jsib l-istorja tas-sjeda tal-proprjetà mobbli sa mill-bidu tas-Seklu 20.

Min-nofs id-disgħinijiet 'l hawn, il-verżjoni tal-karta tar-Reġistru tal-Art Ġermaniż ġiet sostitwita minn verżjoni elettronika. Din il-migrazzjoni tlestiet fil-parti l-kbira tagħha.

■ L-aħħar aġġornament: 05/11/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.